**Laqgha Numru 16/K6/2010**

**Introduzzjoni**

Is-Sittax il-Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2010 li saret nhar l-Erbgha 4 ta' Awwissu 2010.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Fava, Evelyn Vella Brincat ***(li waslet fil-5.45pm)*** u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fis-27 ta' Lulju 2010. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 15/K6/2010.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 15/K6/2010.**

**03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**05. Mistoqsijiet.**

**06. Korrispondenza.**

**07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**09. Kwotazzjoni 15, 16 u 17/2010.**

**10. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**11. Materji Ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 15/K6/2010.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 15/K6/2010 kifipprezentati.

1.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.03. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Lauro Fava vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Joe Brincat astjena.

1.04. Il-Minuti gew approvata.

1.05. Il-Kunsillier Joe Brincat qal li kien astjena minhabba li ma kienx prezenti fl-ahhar laqgha.

1.06. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li b'effett minn din il-laqgha huwa kien qed jirrekordja l-laqgha tal-Kunsill.

1.07. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li wara komunikazzjoni mas-Sindku Joe Zammit, b'effett minn din il-laqgha ser jibda jirrekordja l-laqgha tal-Kunsill permezz tal-laptop personali tieghu.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 15/K6/2010.

2.01. B'riferenza ghall-Minuti 15/K6/2010 item 2.01 u 2.02 u ghall-Minuti 14/K6/2010 item 2.08 u ghall-Minuti 13/K6/2010 item 14.04 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat infurmat lill-Kunsill li hija kienet tilfet il-lapel pin tad-deheb li kien provda l-Kunsill u ghalhekk kienet ipproponiet li tinxtara lapel pin ohra ghaliha, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kunsill kien ircieva stima minghand F. Buttigieg Jewellers ghall-prezz ta' €168.00 inkluz il-Vat kif ukoll fejn is-Sindku Joe Zammit ippropona li tintalab stima minghand hwienet ohra nkluz li ssir forma /negattiva sabiex tinzamm mill-Kunsill u tintuza meta jkun hemm il-bzonn. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-hanut The Gold Market kienu nfurmawh li tigi tiswa €150.00 il-wahda filwaqt li Louis Jewellery infurmah li ghandu jibghat stima. Il-kelliem informa lill-Kunsill ukoll li hadd minnhom ma kien lest li jaghmel il-forma.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 62/2010** b'rapport tal-laqgħa li saret ma' l-FTŻ **(Ara dokument A), Internal Memo 63/2010** b'rapport tal-ftuħ tal-kwotazzjonijiet 16 u 17/2010 **(Ara dokument B), Internal Memo 64/2010** b'lista tal-laqghat li saru bejn laqgha riferenza 15/K6/2010 u 16/K6/2010 **(Ara dokument C), Quote 16/2010** – Supply, install & commission Palm reader **(Ara dokument D) u Quote 17/2010** – Dawra b'vapur madwar il-Gzejjer Maltin. **(Ara dokument E)**

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera ghall-Internal Memos ipprezentati mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

4.02. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li flimkien mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli attenda ghall-laqgha ma' CEO tal-Korporazzjoni Enemalta rigward id-Distribution Centre li ser issir hdejn il-klabb ta' Pembroke Athleta. Il-kelliem qal li ghal-laqgha attendew fost l-ohrajn l-Onor. Francis Zammit Dimech, il-President tal-Klabb Alex Calleja, huwa u l-Vici Sindku, il-Head Coach Alfred Debono u ufficjal iehor. Il-kelliem qal li c-CEO ta' l-Enemalta infurmhom li kien laqa' t-talbiet kemm tal-klabb kif ukoll tal-Kunsill biex ma jsirx monstrozita' fil-post. Il-kelliem qal ukoll l'intant ser ikun hemm biss sular fuq il-livell ta' l-art ta' quddiem il-klabb u zewg sulari l'isfel. Is-Sindku Joe Zammit qal li ddiskutew ukoll il-possibilta li ghall-beneficcju ta' dawk li jifrekwentaw il-klabb isir parkegg adekwat fejn ic-CEO accetta dan il-punt u talab lill-Kunsill biex jikteb fuq dan il-punt lill-Onor. Jason Azzopardi u lil Trasport Malta fejn eventwalment wara li nkitbu l-ittri l-Kunsill ircieva minghand Trasport Malta li hemm bzonn applikazzjoni quddiem il-MEPA ghal dan u wara huma jikkunsidrawha wara li tkun approvata mill-MEPA. Il-kelliem qal l'immedjatament gew infurmata kemm l-Enemalta kif ukoll il-klabb b'dan l-izvilupp. Il-kelliem qal li kien zamm infurmat ukoll kif xtaq lill-Onor. F. Zammit Dimech.

4.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li l-bierah kien infurmah is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg li waqt xoghol li beda biswit Pembroke Athleta intlaqat il-main tad-drenagg.

4.04. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg rrakkomanda li l-Kunsill jitlob lill-WSC sabiex jindikaw kif ser isir ix-xoghol.

4.05. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li tinkiteb din l-ittra.

4.06. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

4.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.08. Is-Sindku Joe Zammit qal li kienu attendew ukoll ghall-laqgha mas-segretarju ewlieni fl-Ambaxxata Ciniza fejn qal li l-Kunsill gie mitlub biex jibghat rendikont ta' fejn waslet it-talba tal-Kunsill ghall-Gemellagg ma' Anning fejn gie nfurmat li l-Kunsill qed jistenna risposta minghand is-Segretarjat Parlamentari fuq it-tieni talba tal-Kunsill wara l-laqgha li kienet saret fid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, f'liema laqgha gew diskussa d-diffikultajiet imqajma mid-Dipartiment. Il-kelliem qal li fl-istess laqgha l-Kunsill talab lis-segretarju ewlieni biex jinforma lill-Kunsill dwar fejn waslu t-tahditiet mal-Gvern dwar il-bini t'Ambaxxata Ciniza f'Pembroke. Il-kelliem qal li l-Kunsill gie nfurmat li miz-zewg siti li kienu qed jikkonsidraw gie identifikat dak li jinstab quddiem l-iskola St. Catherine's li huwa indikat fil-Pjan Lokali bhala Sit E ghall-bini ta' Housing kif ukoll it-triq indikata fil-pjan lokali li taqqad id-dhul u hrug ta' Pembroke minn hawn ghal quddiem il-Knisja. Il-kelliem qal li saret ittra fejn ir-residenti ta' St. Patrick's gew infurmata b'dan. Finalment is-Sindku Joe Zammit qal li kif ikun konkluż il-patt mal-Gvern ghax-xiri ta' l-art u issir l-applikazzjoni, bhal ma' jsir u skond il-ligi, isiru l-laqghat pubblici.

4.09. Is-Sindku Joe Zammit qal li flimkien mal-Vici Sindku attendew ghall-ewwel smieh tal-MEPA fuq l-izvilupp li ser isir min quddiem ic-Cimiterju tal-Commonwealth sad-dahla ghal Bugibba fil-projett ta' twessieh ghal 4 karreggati ta' din it-triq. Il-kelliem qal li fil-prezentazzjoni ma' kien hemm xejn indikat li ser isir it-tibdil mehtieg ghad-dhul ghal Pembroke minn hdejn ic-Cimiterju u ghall-High Ridge. Il-kelliem qal li huwa u l-Vici Sindku tkelmu li din hija zona perikoluza hafna u li sa mill-1999 il-Kunsill kien ghamel prezentazzjoni u pjanti ghal dhul u hrug ghaz-zewg lokalitajiet f'din iz-zona fejn qal li fil-fatt issa l-Kunsill rcieva e-mail biex issir laqgha mal-Perit ikkoncernat sabiex issir diskussjoni dwar dan is-suggett u jigi muri l-pjanti li kien ipprepara l-Kunsill.

4.10. Is-Sindku Joe Zammit qal li huwa u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ltaqghu ma' grupp mill-Kumitat tal-Gemellagg minn Bridgwaters li huwa Gemellat mal-Kunsill Lokali Marsa fejn qal li kienet laqgha kordjali hafna u qasmu esperjenzi ta' bejniethom. Il-kelliem qal li tkelmu dwar programmi/progetti futuri fil-qasam sportiv, edukattiv u kulturali. (Riferenza 46/4014/10/I u 46/4034/10/O)

4.11. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li ghalkemm huwa kien xoghol ma kienx prezenti ghall-ebda laqgha li ghamel riferenza ghalihom is-Sindku Joe Zammit ghajr ghal dik ta' ma' l-Ambaxxata Ciniza minhabba li ma kienx mistieden jaghmel dan mill-Kunsill.

4.12. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kellhom laqgha ma' rapprezentanti ta' l-Air Malta dwar it-tindif taz-zona ta' l-Arlogg li hemm faccata tal-Kunsill, liema binja tinsab ghand l-Air Malta b'kirja. Il-kelliem qal li fil-fatt b'rizultat tal-laqgha l-ghada beda x-xoghol ta' tindif.

4.13. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kellhom laqgha ta' introduzzjoni bejn il-kuntrattur Philip Seguna u Green Pak dwar is-servizz tal-gbir ta' l-iskart ghar-riciklagg ta' nhar ta' Tlieta.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn l-14 ta' Gunju u l-4 ta' Awwissu 2010 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/3952/10/I** 21/06/2010 E-mail minghand YWCA fejn talbu l-koperazzjoni tal-Kunsill dwar progett li qed jippreparaw ghal single mothers.

6.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3952/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona sabiex issir laqgha ma' dawn is-sinjuri halli l-Kunsill jara l-hsieb taghhom ghall-koperazzjoni mal-Kunsill.

6.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3978/10/I** 22/06/2010 Ittra minghand is-sinjura Rosemarie Zammit fejn qed toggezzjona ghall-izvilupp li ser isir fil-White Rocks.

6.05. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3978/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li tinkiteb ittra lil din is-sinjura fejn apparti li tigi nfurmata li l-Kunsill Lokali ta' Pembroke ghad ma giex ikkonsultat fuq dan il-progett kif ukoll lanqas kien mistieden ghall-prezentazzjoni ufficjali li saret, nitolbuha biex il-kummenti taghha tibghathom ukoll lill-MEPA meta tibda' id-diskussjoni fuq dan il-progett kif ukoll tigi nfurmata li l-Kunsill ha nota tal-kummenti taghha.

6.06. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3983/10/I** 22/06/2010 E-mail minghand is-sur Mark Bugeja fejn talab sabiex jigu rrangati l-marki ta' parkegg li hemm quddiem il-propjeta' tieghu – 36, Triq Ferdinand Gregh, minhabba li qed jghid li dawn m'humiex skond ir-regolamenti.

6.08. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3983/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona sabiex dan ix-xoghol jidhol fil-lista ta' xogholijiet l'isiru mill-Kunsill.

6.09. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3989/10/I** 22/06/2010 E-mail minghand AccrossLimits Ltd. fejn talbu laqgha mal-Kunsill dwar il-Europeana Local Project.

6.11. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3989/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex issir laqgha ma' dawn is-sinjuri.

6.12. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

*6.14. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat waslet fis-5.45pm.*

**46/4000/10/I** 23/06/2010 Ittra minghand il-kumpanija Brand It fejn informaw lill-Kunsill bil-prodotti promozzjonali li joffru minn materjal riciklat.

6.15. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4000/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li biex issir laqgha ma' dawn is-sinjuri.

6.16. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4017/10/O** 23/06/2010 E-mail li l-Kunsill baghat lill-Kumitat Kungunt ghall-Infurzar tal-Ligi fejn issuggerixxa biex bhala kumitat kongunt ghandhom ifasslu kliem bl-ingliz u kliem bil-malti li jkunu komuni ghall-Kunsilli Lokali kolha sabiex issir tip ta' sticker u jitwahhlu ma' l-iskips.

6.18. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4017/10/O** is-Sindku Joe Zammit qal li fl-ahhar laqgha tal-Kumitat Kongunt kien hemm qbil li dawn l-istickers isiru mill-Kumitat Kongunt u ser jintalab l-ghajnuna ta' Green Pak u Green MT.

**46/4019/10/I** 23/06/2010 E-mail minghand l-AKL fejn talbu lill-Kunsill sabiex sa nhar il-Gimgha 25 ta' Gunju jgeddu l-polza t'assigurazzjoni ta' l-impjegati u tal-Kunsilliera u rigward il-laqgha tas-Sindku li ser issir fl-24 u 25 ta' Settembru informaw lill-Kunsill li ser jinformaw lill-lukanda Calypso bir-registrazzjonijiet li ghandhom f'idejhom.

6.19. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4019/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-laqgha tas-sindki thassret u issa ser issir f'Ottubru gewwa d-Dolmen.

**46/4029/10/I** 24/06/2010 Ittra minghand id-Direttur Generali is-Sur Martin Bugelli fejn b'riferenza ghall-Memo 15/2010 - Fondi specjali ghall-lokalitajiet bi bzonnijiet specjali, nforma l-Kunsill li l-applikazzjoni tal-Kunsill ma gietx maghzula.

6.20. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4029/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4056/10/O** 25/06/2010 Ittra li l-Kunsill baghat lir-residenti ta' Triq il-Kurunell Cocks, Triq il-Beata Adeodata Pisani u Pjazza Nazju Falzon fejn b'riferenza ghad-dawl tat-triq il-Kunsill infurmhom li l-applikazzjoni li ghamel ma gietx approvata u li l-Kunsill ser ikompli jara kif jista' jiffinanzja dan il-progett.

6.21. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4056/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4106/10/I** 28/06/2010 Ittra minghand EACEA fejn informaw lill-Kunsill li l-applikazzjoni tal-Kunsill ghall-programm Europe for Citizens 2007-2013 ma ntghazlitx u baghtu spjegazzjoni ghala ma gietx milqugha.

6.22. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4106/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera u zied li l-Kunsill ghandu jiehu nota ta' dawn in-nuqqasijiet halli ma jirrepetux ruhhom u jaraw x'inhuma.

6.23. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-MEUSAC kienu hadu nota tal-kummenti li saru u fil-fatt regghet saret applikazzjoni ohra l'issa giet approvata.

**46/4117/10/I** 28/06/2010 Memo 86/2010 minghand id-Dipartiment ghal-Gvern Lokali rigward in-Nofstanhari fis-Sajf.

**46/4209/10/I**
02/07/2010

6.24. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4117/10/I u 46/4209/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dan il-punt gie diskuss u konkluz fl-ahhar laqgha u f'ta' qabel.

**46/4123/10/I** 28/06/2010 E-mail minghand l-AKL fejn baghtu kopja tal-ftehim li sar mal-WSC dwar ir-reinstatement tat-toroq meta jkun hemm hsarat fis-servizzi ta' l-ilma.

6.25. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4123/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4124/10/I** 28/06/2010 E-mail minghand Cynthia Misokova mis-Segretarjat ta' l-Onor. Dr. Chris Said fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill dwar l-iskema Progetti specjali fil-lokalitajiet informat lill-Kunsillli li l-progett ghandu jkun lest sa mhux aktar tard minn Ottubru 2010.

6.26. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4124/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-progett ser ikun inawgurat fit-13 ta' Awwissu fil-11.30am fil-prezenza ta' l-Onor. Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said u l-Onor. Stefan Buontempo MP.

**46/4146/10/I** 30/06/2010 E-mail minghand CT-Courses fejn staqsew jekk il-Kunsill hux se johrog xi magazine sabiex jaghmlu riklam fuqu.

6.27. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4146/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li ghandhom jigu nfurmata li jekk jixtiequ meta titqassam xi cirkulari mill-Kunsill, tista' tigi nfilsata taghhom ukoll ghax hija t'interess ghar-residenti kif ukoll l'issir laqgha maghhom.

6.28. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.29. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4151/10/I** 01/07/2010 Ittra mill-Kurja ta' l-Arcisqof fejn informaw lill-Kunsill bil-ktieb li ghandhom ghall-bejgh ghall-prezz ta' €15 il-wiehed dwar iz-zjara tal-Q.T. il-Papa Benedittu XVI.

6.30. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4151/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li tinxtara kopja ta' dan il-ktieb ghal-librerija tal-Kunsill.

6.31. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.32. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.33. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li jinxtara l-ktieb **Inservi** dwar il-hajja politika ta' l-Ex President ta' Malta Dr. Eddie Fenech Adami mahrug mill-PN.

6.34. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.35. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.36. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li jinxtraw 3 kopji tal-ktieb **Irrid Nghix** ta' Annabelle Vassallo.

6.37. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

6.38. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4160/10/I** 01/07/2010 E-mail minghand is-Sur Alfred Debono minn Pembroke Athleta fejn talab lill-Kunsill sabiex jinfurmah min mill-Kunsill ser jattendi ghall-laqgha li ser issir ma' CEO ta' l-Enemalta u l-klabb ta' Pembroke Athleta dwar id-

distribution centre.

6.39. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4160/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera kif ukoll ghal dak li kien diga qal aktar qabel taht 'Kommunikazzjoni mis-Sindku'.

**46/4207/10/I** 02/07/2010 Ittra minghand Mac Med Ltd. fejn informaw lill-Kunsill l'accettaw li joffru z-zebgha Exterior Paint Dark Tones ghall-prezz ta' €3.30 per litre inkluz il-VAT.

6.40. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4207/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-offerta taghhom tigi approvata.

6.41. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.42. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4220/10/I** 02/07/2010 E-mail minghand l-Iskola Primarja Pembroke fejn b'riferenza ghall-email li baghat l-Kunsill rigward uzu mis-sala ta' l-iskola nformaw lill-Kunsill li s-sala tista' tintuza basta ssir donazzjoni ta' €100 minhabba li jridu jitqabbdu n-nies biex jifthu u jaghlqu l-iskola.

6.43. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4220/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din tirreferi ghall-attivita' proposta mill-bandisti ta' Larnaca Grecja, l'issa fid-dawl tal-problemi logistici li ghandhom u li diga kkonfermaw li ser jaghmlu kuncert fl-istess hinijiet fil-lukanda, ippropona li l-attivita' f'Pembroke tigi kkancellata minhabba li ma jistghux.

6.44. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekonda.

6.45. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4240/10/I** 05/07/2010 Ittra minghand Mamo TCV Advocates fejn b'riferenza ghall-kwotazzjoni 12/2010 ghall-provvista ta' zebgha u ghall-ittra li l-Kunsill baghat lil S&R (Handaq) Ltd. baghat estratt ta' diskors li sar mill-Prim Ministru li deher f'gazzetta lokali nhar il-Hamis 10 ta' Gunju u talab sabiex l-ittra tigi rtirata.

6.46. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4240/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ninfurmaw lis-sinjuri li l-Kunsill jiehu l-ordnijiet minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali u mhux minn min kif jinterpretaw kummenti l-gazzetti. Il-kelliem qal li jekk ihoss li ghandu jaghmel xi att, ghandu jindirizzah lid-Dipartiment ghax sakemm ma jkunx hemm xi ordni ohra mid-Dipartiment, il-Kunsill ser jimxi ma' dik l-ittra.

6.47. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.48. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4245/10/I** 05/07/2010 Memo 92/2010 - Proceduri dwar il-hatra ta' Vici President fuq kull Kumitat Regjonali.

6.49. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4245/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li hemm nomina mill-maggoranza tal-membri ghal-Fatima Deguara, Sindku tan-Naxxar.

**46/4251/10/I** 05/07/2010 E-mail mill-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat l-Kunsill dwar il-hajt t'ilqugh fi Triq ANZAC informa lill-Kunsill li m'humiex responsabbli ghal xoghol simili u talab lill-Kunsill sabiex jibghat t-talba tieghu lil Transport Malta.

6.50. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4251/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona sabiex din l-ittra ghandha tintbaghat lill-TM u kopja lill-Kap Kmandant ta’ l-AFM.

6.51. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.52. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4259/10/I** 06/07/2010 E-mail minghand Roccalumera fejn b'riferenza ghat-tornament tal-futbol informat lill-Kunsill li l-istitut tas-sorijiet f'Roccalumera lesti jospitaw lill-grupp fit-tieni jew fit-tielet gimgha ta' Settembru u talbet sabiex il-Kunsill jibghat konferma. L-istess offerta saret lill-anzjani ukoll.

6.53. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4259/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Vici Sinkdu Alfred Mazzitelli b’dan.

6.54. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li Pembroke Athleta Football Club injoraw lill-Kunsill. Il-kelliem qal li fid-dawl ta’ dan kien avvicina lill-Luxol Sports Club u dawn talbu li jkunu jafu l-prezzijiet ta’ l-akkomodazzjoni, tal-vapur u ta’ l-ikel.

**46/4262/10/I** 06/07/2010 E-mail minghand Stefan Gauci Scicluna fejn informa lill-Kunsill li huwa wiehed mill-koordianturi tal-Qormi Bread Festival 2010 fejn talab il-permess tal-Kunsill sabiex iwahhlu banner f'xi main road fil-lokal u talab nissugerixxu fejn tista' ssir u xi hlas hemm.

6.55. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4262/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li b’sens ta’ armonija bejn il-Kunsilli Lokali nistghu naqblu mal-principju li jehel u ghalhekk ippropona li l-Kunsill jitlob lil xi hadd mill-organizzaturi biex jigi u jara’ fejn titwahhal din il-banner.

6.56. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.57. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4266/10/I** 06/07/2010 E-mail minghand il-MEPA fejn b'riferenza ghall-applikazzjoni PA03883/08 u PA03758/09 - reconstruction and upgrading of Coast Road, informa lill-Kunsill li tali zvilupp ghandu bzonn Environmental Impact Statement (EIS).

6.58. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4266/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera kif ukoll ghal dak li kien qal aktar kmieni taht ‘Kommunikazzjoni mis-Sindku’.

**46/4273/10/I** 06/07/2010 E-mail minghand is-sur Matthew Micallef fejn informa lill-Kunsill li huwa resident gdid fil-lokal u qed jissugerixxi li tigi organizzata attivita' fil-lokal bhal Fun Day li tinkludi tlielaq bil-quad bikes, girjiet ghat-tfal, bouncing castles, wall climbing, football/snooker/ basketball/chess/playstation.

6.59. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4273/10/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ippropona li l-Kunsill jitlob laqgha ma’ dan is-sinjur halli naraw x’hemm issuggeriet minnaha tieghu.

6.60. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.61. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4277/10/I** 06/07/2010 Memo 95/2010 - Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2011.

6.62. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4277/10/I** is-Sindku Joe Zammit talab lill-Kunsilliera sabiex jekk ghandhom xi idea jadduha lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg biex tkun diskussa fil-laqgha li jmiss.

6.63. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-applikazzjonijiet jaghlqu fil-bidu ta' Settembru.

**46/4285/10/I** 07/07/2010 Ittra minghand il-MEPA fejn qed jinfurmaw lill-Kunsill li awtorizzaw li ssir zbir ta' harruba fi Triq Sir Luigi Preziosi.

6.64. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4285/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dan ix-xoghol ser isir fil-jiem li gejja.

**46/4286/10/I** 07/07/2010 Ittra minghand id-Dipartiment Propjeta' tal-Gvern fejn qed jitolbu li jinghataw kopja tal-pjanti kif appovati mill-MEPA sabiex jinbidel il-fence li hemm bejn il-Kunsill u l-Verdala International School.

6.65. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4286/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg diga ha hsieb li dan isir.

**46/4288/10/I** 07/07/2010 Ittra minghand l-Enemalta jinfurmaw lill-Kunsill li giet approvata t-talba tal-Kunsill sabiex tigi nstallata lampa fi Trejqet Patri Odorik Grima.

**46/4489/10/I** 19/07/2010 Kwotazzjoni minghand il-MED Developers ghall-installazzjoni ta' lampa fi Triq San Patrizju c/w Trejqet Patri Odorik Grima ghall-prezz ta' €500.50.

**46/4295/10/O** 07/07/2010 Works Order li l-Kunsill baghat lill-MED Developers ghall-Kwotazzjoni biex tigi nstallata lampa mal-hajt fi Triq San Patrizju c/w Trejqet Patri Odorik Grima u 2 lampi fuq pole fi Triq Gioacchino Le Brun.

6.66. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4288/10/I, 46/4489/10/I u 46/4295/10/O** is-Sindku Joe Zammit ippropona li dan ix-xoghol isir mill-vot tad-dawl ghall-prezz ta' €500.50 skond l-istima tal-kuntrattur.

6.67. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.68. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4289/10/I** 07/07/2010 Ittra minghand l-Enemalta jinfurmaw lill-Kunsill li giet approvata t-talba tal-Kunsill sabiex jigu nstallati zewg lampi fi Triq Giacchino Le Brun.

**46/4490/10/I** 19/07/2010 Kwotazzjoni minghand il-MED Developers ghall-installazzjoni ta' 2 lampi fi Triq Gioacchino Le Brun ghall-prezz ta' €2,488.

6.69. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4289/10/I u 46/4490/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li dan ix-xoghol jista' isir wara li l-Kunsill jara kemm ikun ghad baqa' flus mill-vot tad-dawl u skond prijoritajiet ohra u ghalhekk biex tinhareg works order ikun jehtieg li terga' tigi approvata mill-Kunsill.

6.70. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.71. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4302/10/I** 07/07/2010 Ittra minghand is-sur Dean Mansueto jitlob il-permess tal-Kunsill sabiex nhar is-Sibt 28 ta' Awwissu jorganizza static car show bejn is-1.00pm u l-11.00pm fl-Ex Parade Ground liema attivita' tinkludi wkoll kuncert u car stereo competition.

6.72. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4302/10/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona l'issir laqgha ma' dawn is-sinjuri dwar il-proposta taghhom.

6.73. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.74. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4313/10/I** 08/07/2010 Stima minghand F. Buttigieg Jewellery ghal lapel pin tad-deheb (li tilfet Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat) ghall-prezz ta’ € 168.00 inkluz il-Vat.

6.75. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4313/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet diskussa fil-laqgha li ghaddiet.

**46/4315/10/I** 08/07/2010 E-mail minghand il-MIEMA fejn informaw lill-Kunsill li ser issir laqgha nhar il-Gimgha 9 ta' Lulju 2010 fl-10.00am gewwa l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-Patt tas-Sindki.

6.76. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4315/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li minhabba li huwa kien imsiefer jidher li hadd m’attenda ghall din il-laqgha mill-Kunsillieri jew is-Segretarju Ezekuttiv.

6.77. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lis-Sindku li l-laqgha ma kientx miftuha ghas-Segretarji Ezekuttivi u ghalhekk huwa ma setax jattendi.

**46/4325/10/I** 08/07/2010 Ittra minghand il-Monitoring Board tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jinfurmaw lill-Kunsill li l-hlas li sar ghall-printing tal-flokkijiet li ntuzaw ghall-clean up li saret mill-istudenti ta’ Pembroke Athleta Summer School, imur kontra l-Art. 63A tal-ligi u ghalhekk l-ammont ser jitnaqqas mill-allokazzjoni tal-Kunsill.

**46/4334/10/I** 09/07/2010 E-mail minghand il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat fejn b'riferenza ghall-email li l-Kunsill rcieva minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar il-printing ta' flokkijiet talbet sabiex tigi diskussa fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

6.78. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4325/10/I u 46/4334/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li fil-fatt il-Kunsill kiteb biex jikkjarifika dan imma xorta d-Dipartiment hass li dak li sar imur kontra il-ligi. Il-kelliem qal li l-Kunsill kien kiteb fejn oggezzjona ghar-ragunament tad-Dipartiment ghax insista li din kienet attivita’ b’risq l-ambjent izda xorta id-Dipartiment iddikjara li din ghalih hija donazzjoni illegali. Il-kelliem qal li l-Kunsill xorta ghadu jsostni mad-Dipartiment li jhoss li din kienet ingustizja mal-Kunsill.

6.79. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li mhux sewwa li din il-clean up ma gietx accettata mid-Dipartiment.

6.80. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li kieku saret forsi press release dwar l-attivita’ kien ikun hemm aktar sahha.

6.81. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li huwa ma kellu ebda dettalji ta’ din l-attivita’.

**46/4340/10/I** **46/4360/10/I** 09/07/2010 Draft tal-letter head tal-Kunsill provduta minn Inserv Limited.

6.82. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4340/10/I u 46/4360/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet diskussa fil-laqgha li ghaddiet.

**46/4342/10/I** 09/07/2010 Ilment minghand Ms. Juanita Busuttil dwar grieden u bzonn ta’ zabra tas-sigar li hemm biswit il-playing field ta’ Triq l-Imhallef William Harding kif ukoll talbet l-ghajnuna tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni mal-Kunsill Lokali San Giljan dwar il-bankina ta’ Triq Emmanuel Decelis.

6.83. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4342/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li rigward il-bankina gie nfurmat il-Kunsill Lokali San Giljan kif ukoll id-Dipartimnet ghall-Gvern Lokali inkluz li kopja ntbghatet ukoll lir-residenti. Il-kelliem qal li r-residenta tigi nfurmata li rigward is-sigar ta' l-oleander li hemm ma jidhirx li jaghmel sens li jinqatghu ghax dawn qed iservu ta' buffer zone bejn il-play area u t-triq. Is-Sindku Joe Zammit qal ukoll li l-Kunsill talab lil tas-Sanita sabiex isir pest kontrol fl-art bejn is-sigar imsemmija.

**46/4346/10/I** 09/07/2010 E-mail minghand is-Segretarjat Parlamentari ghaz-Zghazagh u Sport fejn stieden lill-Kunsill sabiex jippartecipa fl-inizjattiva Kunsilli Lokali Zghazagh fejn jirriżulta li diga hemm interess minn xi zghazagh li jippartecipaw.

6.84. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4346/10/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li peress li hadd mill-Kunsilliera ma ressaq xi proposta jew idea fuq dan l-item u minhabba li d-data ta' l-gheluq kienet l-ahhar ta' Lulju u issa giet estiza biss sas-6 ta' Awissu, ma hemmx zmien bizzejjed sabiex wiehed jiehu bis-serjeta' sehem f'dan is-suggett.

6.85. Il-Kunsillier Lauro Fava qal li l-pozizzjoni tal-Kunsill is-sena li ghaddiet kienet kontra li jippartecipa minhabba fondi li jista' jkun hemm bzonn f'kaz li l-progett tal-Kunsill jigi approvat u xtaq ikun jaf jekk hemmx xi bdil fil-pozizzjoni tal-Kunsill.

6.86. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li l-pozizzjoni finanzjarja tal-Kunsill ghadha l-istess u l-Kunsill ma jafx xi spejjez jista' jinvolvi fihom il-Kunsill.

6.87. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill mhux ser jippartecipa minhabba li m'hemmx zmien ukoll.

**46/4366/10/I** 12/07/2010 Kopja ta' avvizz li deher fuq il-gurnali fejn il-MEPA qed tipproponi Revizjoni parzjali tal-Pjan Lokali ghall-Portijiet tat-Tramuntana vis-a-vis il-progett propost ghall-White Rocks.

6.88. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4366/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex l-Kunsill Lokali Pembroke jikteb lill-MEPA fejn jirriserva d-dritt li joggezzjona ghal kull revizjoni li ser issir mill-MEPA u li tista' tippregudika l-interess tar-residenti ta' din il-komunita'. Il-kelliem ippropona wkoll li fl-istess hin il-MEPA ghandha tigi mitluba taghmel laqgha mal-Kunsill biex tispjega fid-dettal dawn ir-revizjonijiet parzjali li qed tghid hemm bzonn tal-Pjan Lokali ghall-Portijiet tat-Tramuntana li tinkludi z-zona ta' Pembroke kif ukoll fl-istess hin ninfurmaw lill-Perit tal-Kunsill b'din ir-rikjesta li qed jaghmel il-Kunsill.

6.89. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.90. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4367/10/I** 12/07/2010 Kopja ta' artiklu li gie ppublikat fuq il-Malta Today dwar l-impatt fuq parti mis-sit ta' l-zvilupp propost tas-sit tal-White Rocks

6.91. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4367/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Kunsill ghandu jiehu nota ta' dan l-artiklu.

**46/4368/10/I** 12/07/2010 Ittra minghand il-librar fejn irringrazzja lill-Kunsill ta' l-attivita' li saret kif ukoll iheggeg li jinxtraw aktar kotba kull sena u kif ukoll jitlob li jekk huwa possibli tinxtara A3 scanner u tintuza l-photocopier ghas-servizz tal-membri li jaghmlu uzu mill-melitenzja tal-librerija.

6.92. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4368/10/I** is-Sindku Joe Zammit irrakkomanda li l-librar ghandu jinghata l-permess li jaghmel uzu mill-photocopier li hemm hdejn il-kcina.

6.93. Wara diskusjsoin li kien hemm, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jitlob il-parir tad-Direttur tad-Dipartimnet tal-Libreriji publici dwar jekk meta l-Kunsill ikun qed jaghmel kopji minn kotba lill-klijenti tal-librerija, tkunx b'xi mod qed tinkiser il-ligi tal-copy right.

6.94. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

6.95. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4377/10/I** 12/07/2010 Ittra minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jitolbu sensila ta' dettalji sa qabel it-30 ta' Lulju nkluz kwotazzjonijiet vis-a-vis l-applikazzjoni li saret ghal Skema dwar Energija Alternattiva fejn il-Kunsill applika ghad-dawl tal-gnien li hemm f'San Patrizju.

6.96. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4377/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Perit Kevin Fsadni kien qabbad lill-Inginier Rapa u ghamel dak mitlub mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

**46/4388/10/I** 13/07/2010 E-mail mill-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn informaw lill-Kunsill jekk jixtieqx li ssir laqgha mas-sezzjoni tad-drogi ghax-xahar ta' Lulju u Awwissu 2010.

6.97. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4388/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaghmel laqgha mal-Pulizija.

6.98. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.99. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4394/10/I** 13/07/2010 E-mail minghand l-Ambaxxata Ciniza fejn f'isem is-Sur Fu Zhimin talbu laqgha mas-Sindku Joe Zammit sabiex jiddiskutu il-possibilita' li jigi ffirmat il-gemellagg bejn Anning u l-Kunsill Lokali Pembroke.

6.100. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4394/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera kif ukoll ghamel riferenza ghal dak li kien qal qabel waqt 'Komunikazzjoni mis-Sindku'.

**46/4403/10/I** 14/07/2010 Ittra mill-Awtorita' tad-Djar fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill dwar kaptelli tal-konkos fi Triq San Gorg Preca nforma lill-Kunsill li minn spezzjoni li saret gie nnotat li l-kaptelli nqalghu minn terzi persuni sabiex jitqieghdu servizzi u ghalhekk l-awtorita' mhux responsabbli.

6.101. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4403/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jinforma b'dan lill-Melita plc, Go plc, WSC, Enemalta u lil kull min jista' ghandu servizzi taht l-art. Il-kelliem qal li l-Kunsill ghandu jibqa' jsostni ma' l-Awtorita' tad-Djar li dawn mill-bidu kienu zlugati tant li qabel ma bdew jidhlu r-residenti anke saret zjara fuq il-post mill-Periti inkarigati flimkien ma' l-ex Direttur tal-Housing il-Perit Anton Camillieri.

6.102. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.103. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4443/10/I** 16/07/2010 E-mail minghand l-AKL fejn b'riferenza ghaz-zieda fil-hlas mill-Enemalta ta' €38 fis-sena ghall-uzu tal-mappa tal-lampi, nformaw lill-Kunsilli Lokali

sabiex isir il-hlas biss ta' €232.94 kif miftiehem ma' l-AKL.

6.104. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4443/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.105. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li wara li ntbaghat il-pagament kif mitlub mill-AKL, l-Enemalta rrifjutaw il-pagament u baghtu c-cekk lura.

**46/4445/10/I** 16/07/2010 E-mail mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-memo 95/2010 dwar skema inizjattivi ta' attivitajiet 2011 regghet baghtet verzjoni ohra ta' l-applikazzjoni minhabba li kien hemm xi Kunsilli li ma setghux jifthu l-ewwel verzjoni.

6.106. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4445/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4487/10/I** 19/07/2010 Invoice minghand il-MED Developers ta' €94.40 ghall-preparazzjoni tal-kwotazzjoni li saret biex jigu nstallati 2 lampi fi Triq Gioacchino Le Brun.

6.107. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4487/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4488/10/I** 19/07/2010 Invoice minghand il-MED Developers ta' €94.40 ghal preparazzjoni tal-kwotazzjoni li saret biex tigi nstallata lampa fi Triq San Patrizju c/w Trejqet Patri Odorik Grima.

6.108. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4488/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4497/10/I** 19/07/2010 E-mail minghand il-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill dwar il-hawkers informaw lill-Kunsill li regghu saru spezzjonijiet izda b'rizultat negattiv u talab naghtuh informazzjoni bhad-data u hin sabiex issir spezzjoni f'dawk il-hinijiet.

6.109. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4497/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li b'riferenza ghal dan l-item fl-ahhar jiem il-Kunsill talab l-intervent tal-Pulizija u nkitbet anka ittra biex jitnehha l-hawker li jipparkja l-jum kollu quddiem l-Sprachcaffe biex ibieh il-haxix fejn dan kien qed jikkaguna traffic jams il-hin kollu. Il-kelliem qal li dan tnehha mill-post minhabba li hija triq traffikuza, double yellow lines u Tow Zone. Il-kelliem intant rega ippropona li l-Kunsill ghandu jerga' jikteb fejn il-Pulizija jigu nfurmata li nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis bejn is-1:00pm u s-7:00pm specjalment fl-akwati ta' l-ispizerija San Gorgio, fi Triq Burma u quddiem il-Pembroke Self Service fi Triq Patri Indri Vella fejn qed ikun hemm bejjiegha tal-haxix.

